Irkejjen Storiċi

# Arkeoloġija: Mużajk Ruman – II



minn Vincent ZAMMIT

Wara li l-ġimgħa l-oħra tkellimna dwar uħud mill-pavimenti li naraw fil-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani, u eżattament fid-dar Rumana li nsibu hemm, il-lum sejrin inkomplu nitkellmu dwar l-istess suġġett, iżda naturalment dwar bċejjeċ oħra ta' mużajk.

### Pavimentar ta' Kamra Ċ

Il-pavimentar ta' din il-kamra hu differenti minn tal-bitħa. Kemm rigward id-dettal, kif ukoll rigward il-priservazzjoni tiegħu. Sfortunatament dan m'huwiex fi stat li nistgħu ngħidu li hu komplut. Apparti minhekk, xorta waħda nistgħu nitkellmu dwar il-paviment għax għad hemm dettalji li joffrulna ftit informazzjoni dwar kif oriġinarjament kienet l-art.

Il-parti tan-nofs hi nieqsa minn kull disinn. Dan ma jfissirx li ma kien hemm xejn qabel, għax illum nafu li partijiet mill-art ta' żmien ir-Rumani kienet tranġat minn xi ħadd fl-antik stess. Imbagħad l-istess parti ċentrali għandna bħal gwarniċ tal-ġebel. Dan għandu l-qiegħ ukoll, u fil-fatt din hi magħrufa bħala *matrix*. L-użu tagħha kien biex fiha titpoġġa u tiġi maħduma l-emblema tan-nofs ta' l-artijiet tal-mużajk.

Għalkemm hawnhekk għandna l-gwarniċ, il-mużajk tan-nofs m'għadux jidher. Biss ix-xogħol li hemm maħdum fil-mużajk ta' madwar, hu ferm sabiħ, u dak li fadal jagħtina idea ta' kemm kienet iddekorata tajjeb din il-kamra. Id-disinn hu ġeometriku, apparti l-erba' kantunieri. Hemmhekk naraw uċuħ ta' raġel mingħajr xagħar iżda bid-daqna.

### Il-pavimentar tal-Kamra B

Din il-kamra hi interessanti wkoll, kemm minħabba l-mużajk li hemm fl-art tagħha, kif ukoll minħabba l-fatt li din l-art kienet għaddiet minn perijodu ta' tiswijiet li għadhom juruna ċertu tendenzi. Ma' l-ewwel daqqa t'għajn wieħed jinnota li hawnhekk għandna art verament imlaqqta. Hemm burdura sbiħa li ddur mal-kamra kollha li hi magħmula tajjeb.

Il-gwarniċ tan-nofs hu interessanti wkoll, u fl-istess ħin magħmul b'ċertu teknika. Interessanti mbagħad għandna l-fatt li l-parti tan-nofs, ta' bejn dan it-tieni gwarniċ, hu magħmul fl-istil magħruf bħala *opus scutulatum*. Dan l-istil hu differenti minn dak li naraw fil-partijiet l-oħra.

F'dan l-istil il-biċċiet tal-mużajk ikunu ferm akbar, u fil-biċċa l-kbira jkunu jew ta' l-irħam, inkella tal-fuħħar. L-għamla tagħhom tkun dik ta' maqrut. Fil-fatt, meta dawn jitpoġġew ħdejn xulxin, u jsir użu minn biċċiet ta' kuluri differenti, l-effett ikun ferm sabiħ u interessanti.

L-isfortuna hi li din l-art m'hix komplutа. Dan minħabba l-fatt li xi żmien fl-antik, meta d-dar Rumana ma baqgħetx tintuża mill-istess nies li kienu bnewha, xi ħadd ħa ħsieb li jsewwi partijiet minn dan il-paviment. Jista' jkun li f'dak iż-żmien Malta kienet għaddejja minn perijodu ta' inkwiet politiku, u għalhekk ħadd ma kien qiegħed jagħti kas ta' kif tirranġa l-paviment tal-mużajk sew. Jista' jkun ukoll li f'dak iż-żmien Malta kienet diġà nqatgħet minn ma' l-Imperu Ruman, u għalhekk ma kien hawn ħadd li seta' jħallas għal dik l-ispiża. Kienet x'kienet ir-raġuni, l-art tranġat billi tpoġġew numru ta' madum tal-fuħħar, u bċejjeċ ta' fuħħar ieħor.

Bħala paviment ta' mużajk f'din id-dar Rumana, dawn kienu l-aktar interessanti. Wieħed irid jgħid li hemm partijiet minn din id-dar li jinsabu fuq barra tal-mużew. Iżda, dawn li għandna kemm semmejna huma l-aktar importanti. Fl-istess ħin wieħed jinnota ħafna aktar fdalijiet ta' xogħol fil-mużajk madwar id-dar Rumana, kemm impoġġija f'vetrini, kif ukoll imdendlin mal-ħitan.

### Emblema: Is-Satir u n-Ninfi

Imdendla ma' ħajt naraw emblema li oriġinarjament kienet tinsab fin-nofs ta' kamra żgħira li kienet qisha d-daħla għad-dar Rumana. Din l-emblema hi sabiħa mmens, u l-fatt li wieħed għandu ċans jaraha mill-viċin ikun jista' jara d-dettalji tagħha sew.

Ix-xogħol hu maħdum fl-istil *opus vermiculatum,* u hawnhekk wieħed japprezza xi jrid jgħid biha l-artist li qiegħed jaħdem u jagħtik l-impressjoni li dawk il-biċċiet żgħar tal-mużajk qishom dudu. Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn din ix-xena mill-bogħod jaħseb li qiegħed jara xi pittura, u mhux mużajk.

F'din ix-xena qegħdin naraw raġel muskulat, bejn żewġ figuri femminili. Dan qiegħed jinżamm minn waħda minnhom, billi għandu idejh fuq wara. Fl-istess ħin l-oħra għandha id minnhom ma' rasu, u f'idha l-oħra għandha bħal imqass. Minn kif tidher ix-xena, mill-ewwel dak li jkun jaħseb li hawnhekk għandek ix-xena ta' Sansun u Dalila, mill-istorja ta' l-Antik Testment.

Hemm min jaħseb ukoll li dan is-suġġett, la hu influwenzat mill-aspett Ellenistiku, qiegħed juri l-istorja ta' Erkole u Omfale. Iżda probabbilment din li qegħdin naraw hawn hi biss xena rustika li turi satir qiegħed jiġi attakkat minn żewġ ninfi u qegħdin jaqtgħulu xagħru, inkella iqaxxrulu d-daqna.

### Emblema: Allegorija tal-Ħarifa

Emblema oħra li nsibu murija f'waħda mill-vetrini ta' dan il-mużew hi dik li sfortunatament m'hix komplutа. Din qiegħda turi wiċċ ta' tifel, b'xagħru jtir. F'idu jidher li għandu xi frott, filwaqt li hemm ukoll xi tjur madwaru. Hu maħsub li din qiegħda turi rappreżentazzjoni tal-Ħarifa. Wieħed jista' jimmaġina kemm kienet sabiħa meta din l-emblema kienet komplutа.

Il-figura tat-tfajjel qiegħda tiddomina parti mix-xena, filwaqt li l-aspett tan-natura, kemm mill-ħaxix u l-frott li għandu f'idu kif ukoll mit-tjur, qiegħed juri l-konnessjoni mas-suġġett. Fl-istess ħin hemm bilanċ fil-kompożizzjoni. Bħala gwarniċ ta' din ix-xena hemm disinn ferm sabiħ u maħdum tajjeb ħafna. Fit-teknika tal-mużajk dan id-disinn hu magħruf bħala l-motif tal-lira (strument antik tad-daqq tal-Grieki), u jinsab ripetut mad-dawra kollha ta' din l-emblema.

### Konklużjoni

Meta wieħed jagħti ħarsa sew lejn dawn id-dettalji malajr nindunaw kemm l-artist Ruman kien ta' livell għoli. Wieħed illum lanqas jimmaġina kemm irid xogħol biex isiru dawn il-pavimenti. Fl-istess ħin tajjeb li napprezzaw il-fatt li meta nitkellmu dwar art tal-mużajk Ruman inkunu qegħdin nitkellmu dwar xi ħaġa ferm aktar antika mir-Rumani, u li kienet imxerrda mad-dinja Rumana ta' dak iż-żmien.

Minn studji fuq il-mużajk ta' Malta hu maħsub li dawn huma maħduma fl-istil magħruf bħala Ellenistiku, u jmorru lura għall-perijodu ta' l-ewwel seklu Qabel Kristu. Dan ifisser li dawn għandhom aktar minn elfejn sena fuqhom. Huma wkoll meqjusa bħala fost l-aħjar xogħlijiet li nsibu ta' din il-kwalità, u ta' dan iż-żmien fil-punent tal-Mediterran. B'hekk wieħed jista' jifhem l-għaliex għandna nqisu dawn il-fdalijiet bħala wħud mit-teżori Maltin.